# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 191/2015 JVC**

**Lydon u Emerson ahwa Cutajar** detenturi tal-karti ta' l-identita numri 287490M u 214094M

**vs**

**Susan Callus** detentur tal-karta ta' l-identita numru 167772M

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Lydon u Emerson ahwa Cutajar ikkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. ‘Illi fit-tnax (12) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tnax (2012) gie nieqes missierhom Joseph Cutajar [Dok. A];

2. Illi mir-ricerki testamentarji mwettqa [Dok. B] irrizulta li missier ir-rikorrenti kien irregola l-wirt tieghu permezz ta' testment datat tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool [Dok. C);

3. Illi skond dan l-ahhar testment tieghu, missier ir-rikorrenti halla bhala eredi universali u padruna assoluta tal-gid tieghu kollu lill-intimata Susan Callus;

4. Illi skond dan it-testment, missierhom kien halla lir-rikorrenti l-legittima ossia s-sehem riservat spettanti lilhom skond il-ligi;

5. Illi minkeja li l-intimata giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali u anke b'korrispondenza, hija baqghet inadempjenti u ma wettqietx dak li ordna t-testatur fit-testment tieghu.

6. Illi kien minhabba f’hekk illi r-rikorrenti kellhom jaghmlu dawn il-proceduri.

7. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobha:

1. TIDDIKJARA fhiex kienu jikkonsistu l-assi ereditarji tad-defunt Joseph Cutajar billi jigi dikjarat li dawn kienu jikkonsistu fil-beni immobbli u mobbli, fl-krediti u flus li jirrizultaw matul it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Konsegwentement tilikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti bhala s-sehem rizervat ossia legittima;

3. TIKKUNDANNA lill-intimata sabiex thallas l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Frar, 2014, debitament notifikata fl-4 ta' Marzu, 2014 [Dok. D] u bl-imghaxijiet kontra l-intimata, li hija minn issa stess imsejjha in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Susan Callus li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti taqbel mal-premessi kif esposti mir-rikorrenti ghajr ghal-fatt li:

   (i) r-rikorrenti ma jsemmux il-fatt li d-decuius Joseph Cutajar kellhu aktar minn zewgt (2) itfal u mhux lir-rikorrenti biss;

   (ii) li huma diga qieghdin igawdu mill-gid tad-decuius;

2. Illi fil-fatt l-esponenti ghandha ukoll tlett (3) ulied li jisimhom Nicole u Britney li jissemmew ukoll fl-ahhar testment li jirregola l-assi tad-decuius u kif ukoll Craig Cutajar (kopja tac-certifikat tat-twelid ta' Craig Cutajar anness bhala Dokument SC1); li huma lkoll ulied id-defunt Joseph Cutajar u ghalhekk ghandhom dritt ghas-sehem rizervat bhalma ghandhom ir-rikorrenti u din trid tigi kkunsidrata in kwantu likwidazzjoni;

3. Illi r-rikorrenti gia ghandhom fil-pussess taghhom assi li kienu jappartjenu lil-partimonju tad-defunt Joseph Cutajar u dawn ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni peress illi huma qabdu

u kkapparawhom minghajr il-kunsens tal-esponenti li hi l-padruna assoluta tal-gid kollhu tad-defunt Joseph Cutajar u dawn ukoll ghandhom jigu kkunsidrati a fini ta' likwidazzjoni, mid-data ta' meta bdew igawduhom ir-rikorrenti;

4. Illi l-assi kollha tad-decuius kienu u ghadhom maqbuda b'sekwestru Generali, u dan skont il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2012 ddegretat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Cutajar et u l-esponenti kienet ppruvat tirregola l-posizzjoni taghha billi titlob sabiex l-assi tad-decuius jigu rilaxxati b'talba appozita, izda din it-talba giet michudha mill-Qorti kif jirrizulta mill-annessi atti, mmarkati bhala Dokument SC2 u Dokument SC3 u Dokument SC4. Illi ghalhekk l-esponenti kienet f'impossibilta li tillikwida u thallas lir-rikorrenti sehmom skont il-ligi u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi ghalhekk sal-gurnata tal-llum l-esponenti ghadha f'impossibilta li tikkwantifika l-gid tad-decuius kemm hu, minhabba li hemm pretensjonijiet fuq il-gid apparetenenti lilu u ssekwestrati mill-Qorti minn terza persuna ko-akkuzata mad-decuius, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fejn l-esponenti kienet u ghadha f'impossibilta li thallas l-imsemmi sehem rizervat u dana minhabba s-sekwestru generali li hemm jeffetwa l-beni tad-decuius u dan skont il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2012 u d-digriet moghti fl-istess data, liema atti huma annessi u mmarkati bhala Dokument SC2.

7. Illi wkoll tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz u la darba qed jintalab li din il-Qorti tillikwida l-ammont tal-legittima dovuta, l-imghax jista' jiddekorri biss mid-data tal-gudizzju finali.

8. Salv eccezzjonijiet ohrajn permessibli mil-ligi;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xiehda, certifikat tal-mewt, ricerki testamentarji, testment, ittra ufficjali, certifikat tat-twelid, rikorsi, risposti, digrieti, rapport tal-assi, sentenzi, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Marzu, 2018 Dr Vincent Galea ghar-rikorrenti talab in-nomina ta' perit sabiex jaghmel stima tal-fond 16, St Anthony, Flat 1 fi Triq ir-Roza, Marsascala u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Perit Tekniku Godwin Abela biex jaghmel stima tal-fond imsemmi fuq is-suq, u dan billi r-rikorrenti jallegaw li dan il-fond jappartjeni lill-eredita';

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela pprezentat fl-atti nhar it-12 ta' Settembru, 2019 u mahluf nhar il-21 ta' Jannar, 2020 a fol. 120 et seq tal-process;

Semghet it-trattazzjoni li giet traskritta u tinsab fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 24 ta' Frar, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti:**

Illi r-rikorrenti Lydon u Emerson ahwa Cutajar huma wlied il-mejjet Giuseppe maghruf bhala Joseph Cutajar u permezz ta' din il-kawza qed jitolbu l-porzjon riservat dovuta lilhom mill-wirt u successjoni tal-istess Giuseppe Cutajar li gie nieqes nhar it-12 ta' Dicembru, 2012 (ara certifikat tal-mewt a fol. 5 tal-process).

Illi l-intimata Susan Callus kienet il-siehba tal-imsemmi Giuseppe maghruf bhala Joseph Cutajar – missier ir-rikorrenti. L-intimata taqbel mal-premessi kif esposti mir-rikorrenti pero' ssostni li r-rikorrenti naqsu milli jindikaw li d-decuius Joseph Cutajar kellu aktar minn zewgt (2) itfal. L-intimata tispjega li d-decuius kellu tlett (3) itfal ohra lkoll ulied l-intimata nkluz Nicole u Britney li jissemmew fl-ahhar testment li jirregola l-wirt u Craig Cutajar li lkoll ghandhom dritt ghas-sehem riservat ghalhekk ghandhom jigu kkunsidrati in kwantu likwidazzjoni. L-intimata ssostni wkoll li r-rikorrenti naqsu milli jindikaw li r-rikorrenti huma gia qed igawdu mill-gid ta' missierhom billi ghandhom fil-pussess taghhom assi li kienu jappartjenu lill-patrimonju ta' Joseph Cutajar u ghalhekk dawn ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni ai fini ta' likwidazzjoni. L-intimata tghid li r-rikorrenti qabdu u kkapparraw dawn l-assi minghajr il-kunsens taghha.

L-intimata Callus teccepixxi ulterjoment li l-assi tad-decuius kienu u ghadhom maqbuda b'sekwestru generali mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza Il-Pulizija -vs- Giuseppe Cutajar et u ghalkemm hija kienet pruvat sabiex l-assi tad-decuius jigu rilaxxati b'talba appozita, din it-talba giet michuda mill-Qorti u ghalhekk hija fl-impossibilita' li tillikwida u thallas lir-rikorrenti

sehemhom skont il-ligi. Issostni li hi m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn hija fl-impossibilita' li thallas l-imsemmi sehem riservat u dan minhabba s-sekwestru generali li hemm jeffettwa l-beni tad-decuius. Finalment dwar l-imghax teccepixxi li tenut kont tac-cirkostanzi u la darba qed jintalab li jigi likwidat l-ammont tal-legittima, l-imghax jista' jiddekorri biss mid-data tal-gudizzju finali.

Illi mir-ricerki testamentarji kemm pubblici, kif ukoll sigrieti, esebiti fl-atti a fol. 28 et seq tal-process jirrizulta li l-mejjet Joseph Cutajar irregola l-wirt u successjoni tieghu permezz ta' testment pubbliku datat 13 ta' Settembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool (ara testment a fol. 31 tal-process). F'dan it-testment, fit-tieni artikolu tal-istess il-mejjet halla lil uliedu r-rikorrenti Lydon u Emerson, kif ukoll Nicole u Britney il-legittima spettanti lilhom skont il-ligi. Fit-tielet artikolu nnomina bhala eredi universali u padruna assoluta tal-gid tieghu lill-intimata Susan Callus bil-karta tal-identita' numru 167772(M). L-intimata Callus ikkonfermat bil-gurament taghha li hija ma ghamlitx dikjarazzjoni *causa mortis* dwar dan il-wirt (ara x-xiehda taghha a fol. 97 *et seq* tal-process).

L-intimata Susan Callus issostni li fil-konfront tal-mejjet Joseph Cutajar kien inhareg sekwestru generali stante li kellu akkuzi kriminali fil-konfront tieghu relatati ma' akkuzi ta' hasil ta' flus (ara rikors ghar-rilaxx tal-assi sekwestrati a fol. 25 et seq u risposta tal-Avukat Generali a fol. 38 u digriet a fol. 32 et seq u sentenza a fol. 73 et seq tal-process). Tghid li ghal din ir-raguni hija kienet fl-impossibilita' li thallas is-sehem riservat lir-rikorrenti.

**<u>Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Giuseppe sive Joseph Cutajar u hlas tas-sehem riservat lir-rikorrenti:</u>**

Illi kif sottomess aktar 'il fuq Giuseppe Cutajar gie nieqes fit-12 ta' Dicembru, 2012 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decuius. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqraw kif isegwi:

> '615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.
>
> 616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew

imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'

**L-ewwel u t-tieni eccezzjoni - kemm kellu wlied il-mejjet Giuseppe Cutajar:**

Illi fl-ewwel u fit-tieni eccezzjoni taghha l-intimata Susan Callus teccepixxi li r-rikorrenti ma jsemmux li l-mejjet Giuseppe Cutajar ma kellux biss zewg ulied. Izzid li apparti lilhom il-mejjet Giuseppe Cutajar kellu wkoll tlett (3) itfal ohra maghha li jisimhom Nicole, Britney u Craig Cutajar.

Din il-kwisjtoni hija rilevanti stante li l-kwota dovuta f'porzjon riservat tvarja skont l-ammont tal-ulied, dan ai termini tas-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

'(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.'

Jirrizulta li l-ulied rikonoxxuti mill-mejjet fit-testment b'isimhom u bhala uliedu u cioe' Nicole u Britney, m'humiex rikonoxxuti fit-termini tal-ligi bhala wlied il-mejjet stante li l-mejjet Giuseppe sive Joseph Cutajar ma jiffigura mkien fic-certifikat tat-twelid taghhom. L-intimata izda tenfasizza li l-mejjet fit-testment tieghu tat-13 ta' Settembru, 2004 a fol. 31 tal-process isemmi lil dawn iz-zewg ulied b'isimhom fejn fit-tieni artikolu jghid illi:

> 'It-tieni Artikolu;
> It-testatur qieghed ihalli lill uliedu kollha u cioe lill uliedu miz-zwieg Lydon u Emerson kif ukoll lit-tfal tieghu minn ma Susan Callus u cioe Nicole u Britney il-legittima spettanti lilhom skond il-ligi.'.

Illi l-Artikolu 616 appena kwotat jindika li s-sehem riservat huwa dovut kemm lit-tfal imnissla u mwielda fiz-zwieg u kemm dawk imnissla u mwielda barra miz-zwieg. Fil-kaz odjern huwa maqbul li Nicole u Britney jaqghu taht il-kappa ta' tfal mhux imnissla u mwielda fiz-zwieg. Madanakollu l-kwistjoni hi jekk effettivament Nicole u Britney ghandhomx jigu mehuda bhala wliedu ghal fini ta' likwidazzjoni tas-sehem riservat gialadarba m'humiex rikonoxxuti minn missierhom fic-certifikat tat-twelid taghhom.

Illi hu pacifikament konkordat illi '*in fatto di testmenti è la legittima volonta` del testatore la suprema legge da seguire*'[1]. Gie wkoll ritenut fil-kawza **Giuseppe Axiak -vs- Antonio Axiak** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar, 1945 illi:

> '…l-intenzjoni tat-testatur ghandha tingibed mid-disposizzjonijiet ta' l-istess testment, konfrontata anki mad-

[1] Kollezz. Vol. IX pagna 558

disposizzjonijiet ohra tieghu, precedenti jew sussegwenti, u mhux minn materja estraneja ghat-testment'[2].

Fl-isfond ta' din il-gurisprudenza il-Qorti tqis li la darba t-testatur indika lil Nicole u Britney bhala wliedu, dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala tali ai fini tal-kalkolu tal-porzjon riservat ghaliex din kienet il-volonta` cara tat-testatur. Li kieku l-mejjet ma ndikax specifikatament lil Nicole u Britney bhala wliedu x-xenarju seta' kien ikun diverz. Ghalhekk ghal finijiet ta' likwidazzjoni tal-porzjon riservat ser jittiehed li l-mejjet Giuseppe sive Joseph Cutajar ghandu hamest (5) ulied stante li l-izghar fosthom huwa fil-fatt rikonoxxut.

Dan premess, fl-atti jissemmew ukoll li l-mejjet Giuseppe sive Joseph Cutajar kellu wlied ohra minn Sharon Camilleri. Kwantu ghal din ic-cirkostanza, gjaladarba t-testatur ma semma xejn fit-testment tieghu u ma tressqux provi sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi dwar dawn l-ulied u jekk hux minnu li huma ulied il-mejjet il-Qorti ser tghaddi sabiex tillikwida l-legittima bil-kalkolu ta' hames ulied.

**<u>Assi ereditarji tad-decuius Giuseppe sive Joseph Cutajar:</u>**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti mll-atti li li l-assi ereditarji ta' Giuseppe Cutajar mad-data tal-mewt tieghu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>Proprjeta' mmobbli:</u>**

L-appartament bin-numru 1, St Anthony Flats fi Triq ir-Roza, Marsascala mixtri unikament mill-mejjet Giuseppe sive Joseph

[2] Kollez. Vol. XXXII P I p 178 u Vol. XXVII P I p 117.

Cutajar b'kuntratt tal-1 ta' Frar, 2001 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman (ara kuntratt a fol. 129 et seq tal-process).

Dan il-fond gie stmat mill-Perit Tekniku nominat Godwin P. Abela ghall-valur ta' €135,000 (ara rapport a fol. 120 et seq tal-process).

**<u>Flus, investimenti u deheb:</u>**

Fl-atti ma ngabu l-ebda provi li l-mejjet Joseph Cutajar kellu xi flus, investimenti jew deheb. L-intimata fl-affidavit taghha taghmel referenza ghal somma ta' mitt elf Euro (€100,000) u anke fl-atti ssir referenza ghal somma ta' cirka tmenin elf Euro (€80,000). Madanakollu minn dak li rrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar it-23 ta' Frar, 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Omissis, Sharon Camilleri u minn dokumenti ohra li gew prezentati fl-atti, dawn il-flus kienu f'safety deposit box flimkien ma' ghadd ta' deheb fuq isem Sharon Camilleri (ara sentenza a fol. 73 et seq tal-process). Gialadarba dawn il-flus u deheb kienu mizmuma fuq isem Sharon Camilleri l-Qorti tqis li ma tressqux provi sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi li dawn kienu b'xi mod ma jiffurmaw parti minn l-assi tal-mejjet Joseph Cutajar.

**<u>Vetturi:</u>**

Fl-atti saret referenza ghal vetturi proprjeta' tal-mejjet Giuseppe sive Joseph Cutajar indikati fl-elenku tal-assi redatt quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja mill-Avukat Dottor John Seychell Navarro fil-kawza Il-Pulizija -vs- Giuseppe Cutajar et (a fol. 204 et seq). Dawn kienu s-segwenti:

i. Mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAG583;
ii. Vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni IBN204;

iii. Vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni NOW001.

Ghalkemm jirrizulta li dawn il-vetturi kienu ezistenti tas-7 ta' Dicembru, 2012 (id-data tar-relazzjoni tal-Avukat Seychell Navarro), ma ngabet l-ebda prova ulterjuri li dawn kienu ghadhom ezistenti jew f'isem il-mejjet Joseph Cutajar dakinhar tal-mewt tieghu u cioe' fit-12 ta' Dicembru, 2012. Ukoll ma ngabet prova tal-valur taghhom li huwa kwezit ferm importanti ai fini tal-kawza odjerna.  Dawn ghalhekk ma jistghux jitqiesu li kienu jiffurmaw parti mill-eredita' tal-mejjet Joseph Cutajar.

Jigi osservat li fl-ewwel u fit-tielet eccezzjoni taghha l-intimata Callus teccepixxi li r-rikorrenti kellhom gia fil-pussess taghhom assi li kienu jappartjenu lill-patrimonju tad-defunt Joseph Cutajar. Fl-affidavit taghha (fol. 193) tirreferi ghal vettura Pajero bhala dawk l-assi li r-rikorrenti gia hadu fil-pussess taghhom. Tghid illi:

> '9. Irrid nghid ukoll li meta miet Joseph jiena writ ukoll il-karozza li kellu u cioe il-Pajero; Jiena dak il-Pajero kien imissni nofsu – jiena kont mara u bihhejt il-Pajero u l-flus li dahhalt minnu qsamthomlom bejnietom u sehmi ma hadtux;'

Ghalkemm l-intimata taghmel dawn l-allegazzjonijiet, fl-atti ma ressqet l-ebda prova dwar dan. Osservazzjoni ohra hi li jekk verament ir-rikorrenti hadu flus mill-assi tad-decuius seta' kien hemm konsegwenzi ohra. Pero' gialadarba l-intimata ma ressqet l-ebda prova dwar dan, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Tnaqqis ta' dejn:</u>**

Illi dwar id-djun is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 620 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid illi:

> '(2) Is-sehem rizervat jigi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funerali.'.

Illi l-intimata fl-affidavit taghha a fol. 193 et seq tal-process issemmi li apparti l-appartament hija hadet ukoll id-djun. Tghid illi:

> '3. Ghalkemm Lydon jghid li jiena hadt l-unika ass ma jsemmix id-djun li hallieli Joseph;
>
> 4. Nirriserva li nipprezenta tas-sentenza tal-Qorti li minnha jirrizulta li kien hemm xi dejn fuq dghajsa;'

In fatti l-intimata esebiet kopja tas-sentenza fir-rikors numru 192/11VG fl-ismijiet Matthew Bajada -vs- Joseph Cutajar et a fol. 219 et seq tal-process fejn in segwitu ghal mewt ta' Joseph Cutajar l-atti gew assunti minn Susan Callus. Jirrizulta li l-intimata giet ikkundannata thallas l-ammont ta' €4,418.00 rapprezentanti spejjez u xoghlijiet inkorsi fir-rigward l-opra tal-bahar Twinkle 1 – Valletta.

Illi fit-trattazzjoni tal-24 ta' Frar, 2022 l-abbli difensur tal-intimata Susan Callus issostni li ghandu jittiehed kont tad-dejn li kien hemm fuq il-fond Flat 1, St Anthony fi Triq ir-Roza, Marsascala mal-mewt tad-decuius Joseph Cutajar irrispettivament mill-fatt li d-dejn gie kopert mill-assikurazzjoni. L-intimata prezentat elenku ta' l-assi tal-mejjet Giuseppe Cutajar li gie redatt quddiem il-Qorti

tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja mill-Avukat Dottor John Seychell Navarro fil-kawza Il-Pulizija -vs- Giuseppe Cutajar et minn fejn jirrizulta li l-intimat kellu diversi djun fosthom home loan mal-HSBC Bank Malta plc. Jirrizulta wkoll li l-mejjet kellu assikurazzjoni mal-MSV Life p.l.c u fl-elenku gie ndikat li f'kaz ta' death claim dak iz-zmien kien jithallas l-ammont ta' €43,792.00. In kontro-ezami a fol. 229 et seq l-intimata Susan Callus ikkonfermat li hija ma taghmilx hlasijiet mal-bank peress li d-dejn gie mhallas mill-assikurazzjoni:

> 'Dr Alan Zerafa: Ha mmorru ghall-kwistjoni ta' dan l-appartament illi kien ta' Joseph u inti writ. Inti fir-rigward ta' dan l-appartament taghmel xi pagamenti mal-bank jew hekk?
>
> Xhud: Ma naghmilx pagamenti mal-bank ghaliex meta gie maqtul Joseph Cutajar, l-insurance hallset il-post.
>
> …
>
> Dr Maxilene Pace: Apparti dan id-dejn li kien hemm mal-bank, kien hemm dejn iehor li kellu Joseph fid-data tal-mewt?
>
> Xhud: Fid-data li miet ma jidhirlix pero' mbaghad instemghet dghajsa li jiena lanqas biss naf biha, li sirt naf li giet fuq isimha wkoll, fuq din Sharon Camilleri. Kellhom xi kwistjoni ma' certu Matthew Bajada jekk mhinix sejra zball, dan kellu jtih xi flus u waqa' kollox fuqi meta jiena lanqas biss naf dan ir-ragel x'kulur hu u kif inhu, xejn. Jiena assolutament x'jaghmel u x'kien jaghmel jin ma naf xejn.'

Fil-fehma tal-Qorti gjaladarba d-dejn imsemmi mal-HSBC Bank Malta plc gie kopert mill-assikurazzjoni dan m'ghandux jigi kunsidrat ai fini ta' likwidazzjoni kif qed targumenta l-intimata. La darba d-dejn gie maqtugh mill-assikurazzjoni ma jistax jinghad li kien ghad fadal dejn. Kieku kellu jkun kif issostni l-intimata allura wiehed irid jiehu kont tal-valur tal-assikurazzjoni u xorta wahda l-assi jiqbghu fl-istess valur.

Dwar id-djun l-ohra ndikati fuq l-elenku kwotat fil-paragrafi precedenti, l-intimata nfisha fil-kontro-ezami ddikjarat li ghajr ghal dak id-dejn relatat mad-dghajsa ma kienx hemm djun ohra. Ghalhekk fid-dawl ta' dak iddikjarat l-uniku dejn li ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni fil-kalkolu huwa dak fl-ammont ta' erbat elef, erba' mija u tmintax-il Euro (€4,418.00) rapprezentanti spejjez u xoghlijiet inkorsi dwar l-opra tal-bahar Twinkle 1 – Valletta debitament pruvati mill-kopja tad-decizjoni esebita.

**<u>Kalkolazzjoni u Hlas tal-porzjon riservat:</u>**

1. Proprjeta' mmobbli - €135,000

| | |
|---|---|
| Valur totali - | €135,000 - |
| <u>Djun -</u> | <u>€4,418.00</u> |
| | <u>€130,582</u> |

<u>Sehem ir-rikorrenti bhala porzjon riservat huwa dak ta' 1/10 kull wiehed - €13,058.20</u>

**<u>Imghax:</u>**

Illi kif gia suespost l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li jekk il-hlas ma jintalabx fi

zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

Ir-rikorrenti esebew vera kopja ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Frar, 2014 u li giet notifikata lill-intimata Susan Callus fl-4 ta' Marzu, 2014 (ara ittra u notifika a fol. 11 et seq tal-process) fejn permezz taghha talbu li tersaq ghal likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat spettanti lilhom. Jirrizulta li Giuseppe sive Joseph Cutajar miet fit-12 ta' Dicembru, 2012 u ghalhekk it-talba ghal hlas tas-sehem riservat saret entro t-terminu ta' sentejn b'dan li f'cirkostanzi normali li l-imghax ghandu jkun dovut mid-data tal-ftuh tas-successjoni. Il-Qorti izda ma tistax tinjora l-fatt li mal-mewt tad-decuius l-assi kollha tal-istess decuius kienu maqbuda rizultat tal-proceduri kriminali fil-konfront tieghu u ta' Sharon Camilleri. Fl-atti gew esebiti rikors li sar mill-intimata u digriet fejn it-talba taghha bhala eredi sabiex l-assi jigu rilaxxati giet michuda mill-Qorti pendenti l-proceduri kontra Sharon Camilleri. Il-kawza fil-konfront ta' Sharon Camilleri giet deciza nhar it-23 ta' Frar, 2017. Ghalhekk certament ma jistax jitqies li l-intimata kellha kontroll liberu fuq l-assi tal-mejjet sa dakinhar. F'dik id-data gia kienu nbew il-proceduri odjerni. Jirrizulta wkoll li sad-9 ta' Dicembru, 2016 kien ghadu wkoll incert l-ammont ta' dejn dovut mill-eredita' stante li l-kawza kontra l-mejjet u li konsegwentement dahlet ghaliha l-intimata bhala eredi giet deciza dakinhar. Anki fid-data ta' dik id-decizjoni l-proceduri odjerni kienu gia nbdew.

In vista ta' dak kollu suespost u wkoll in vista li fl-atti l-partijiet anki wara hafna tentattivi naqsu milli jiftehmu dwar il-valur tal-proprjeta' mmobbli l-Qorti tqis li l-intimata kienet gustifikata li ma

tersaqx ghal-likwidazzjoni u l-hlas tal-porzjon riservat favur ir-rikorrenti stasnte li l-valur tal-eredita' kien incert ghall-ahhar. In vista ta' dan il-Qorti tqis li ghandha tesercita d-diskrezzjoni moghtija lilha mill-ligi u tiddikjara li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din id-decizjoni.

**Spejjez:**

Illi l-intimata ssostni fis-sitt eccezzjoni taghha li m'ghandiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn hija kienet u ghadha fl-impossibilita' li thallas l-imsemmi sehem riservat u dan minhabba s-sekwestru generali li hemm jeffetwa l-beni tad-decuius. Il-Qorti rat li huwa minnu li l-eredita' tal-mejjet xejn ma kienet wahda cara u bla problemi anzi kienet pjuttost wahda kumplikata in vista tal-proceduri kriminali li kienu pendenti fil-konfront tad-decuius u wkoll kawza civili dwar dejn dovut mill-mejjet. Dawn ic-cirkustanzi ghandu jaghmel tajjeb ghalihom kulhadd inkluz ulied il-mejjet rikorrenti u ghaldaqstant il-Qorti tqis li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, bl-ispejjez tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti izda ghandhom jinqasmu skont is-sehem riservat tar-rikorrenti fuq l-istess u cioe' 1/10 kull wiehed u fil-bqija jithallsu mill-intimata.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-assi ereditarji tad-defunt Joseph Cutajar kienu jikkonsistu f'dak indikat taht is-

sezzjoni '**<u>Assi ereditarji tad-decuius Giuseppe sive Joseph Cutajar:'</u>**;

2. Tilqa' t-tieni talba u konsegwentement tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti bhala sehem rizervat fis-somma ta' tlettax-il elf tmienja u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€13,058.20) kull wiehed;

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimata sabiex thallas l-ammont ta' tlettax-il elf tmienja u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€13,058.20) lil kull wiehed mir-rikorrenti;

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha salv ghall-ispejjez tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti li ghandhom jinqasmu skont is-sehem riservat tar-rikorrenti fuq l-istess u cioe' 1/10 kull wiehed u fil-bqija jithallsu mill-intimata.

Bl-imghax fuq is-somma likwidata mid-data ta' din id-decizjoni.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Mejju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju, 2022**